Minuti tat-tnejn u għoxrin il-laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali t'Għajnsielem li nżammet nhar il-Ħamis, 3 ta' Dicembru 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Pietru Caruana | Kunsillier |
| | Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Anton Zammit | a/Seg. Eżekuttiv |

1. Talba
   Is-Sindku qal it-talba.

2. Korrispondenza:

   Inqrat il-korrispondenza li waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill.

   a. Affermazzjoni ta' fondi għal Bethlehem f'Għajnsielem mis-Segretarja Bord tal-Evalwazzjoni Skema Inizjattivi ghall-attivitajiet. Il-Kunsill ġie allokat is-somma ta' 7500 euro f'għajnuna finanzjarja.

   b. Il-Kunsill ġie nformat mill-istess Board ta' Evalwazzjoni li t-talba tal-Kunsill ma ġietx accetta biex tigi restawrata t-triq għax-Xatt L-Aħmar.

   c. Id-Direttur Gvern Lokali informa lill dan il-Kunsill li peress li Fort Chambrai hija area eskluza mir-responsabilita' tal-Kunsill ma jistghux jingħataw xi forma ta' fondi lill-Kunsill għal servizzi f'din l-area.

   d. Il-Kunsill ma setax jiddiskuti permess għat-tpoggija ta' mwejjed u siggijiet fi Triq Imgarr, peress li ma kienx hemm pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

   e. Il-Kunsill aċċetta li jixtri seba' kopji mill-kotba "Żmien il-Ħsad" tas- Sur George N. Cassar.

   f. Għal-konkors "Qalb tad-Deheb" il-Kunsill għażel li jirrikomanda lill Antonia Spiteri ta' 38 Triq Sant'Antnin Ghajnsielem li ila ghal hafna snin tghin u tiehu hsieb lill Karmena Camilleri, mara b'dizabilita.

   g. Is-Sindku nforma lill preżenti dwar il-laqgħa li s-Sindki Għawdxin kellhom ma' l-Onor. Chris Said f'laqgħa li kellhom bejniethom.
   Fost l-istudenti tal-Junior Lyceum u fi skejjel sekondarji hemm studenti li jridu jistudjaw u oħrajn li m'humiex inklinati għal studju. Intlaħaq ftehim bejn l-għalliema ta' dawn l-iskejjel u Dar Giuseppa Debono li jintlaħaq kumitat bejniethom biex dawn it-tfajliet li qegħdin ta' ostakolu għal sħabhom jinstabilhom mod alternattiv ta' ħajja tant li xorta jibqgħu fi ħdan is-soċjeta.' Il-programm ta' tagħlim ippreżentat min dan il-Kumitat laħaq l-iskopijiet tieghu tant li dawn it-tfajliet draw b'din in-novita u kollha jattendu għal dawn il-lezzjonijiet. Sar magħruf f'din il-laqgħa li f'kull lokalita' f'Għawdex jeżistu minn dawn is-sezzjoni ta' tfajliet. F'din il-laqgħa intalbet l-għajnuna finanzjarja mingħand kull

Kunsill bħala għajnuna lill-istess residenti tagħhom. Il-preżenti qablu unanimament. Ghandujsir kors ukoll dwar il-*parental skills* minn persuni barranin.

h. Is-Sindku informa lill-preżenti li l-progetti kollha li dan il-Kunsill kien approva mill-fondi tal-MEPA taħt l-Urban Improvement Fund (U.I.F.) ġew kollha approvati mill-Board ta' Evalwazzjoni fi ħdan il-MEPA. F'qasir żmien għandu jigi ffirmat il-kuntratt għal ħruġ ta' dawn il-fondi lill-Kunsill.

i. Is-Segretarju pprezenta r-riżultat tal-Board dwar il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ma dan il-Kunsill. Is-segretarju qal li kienu zewg kandidati li gew intervistati u bhala rizultat kien hemm differenza zghira bejniethom u-tnejn gabu l-punti necessarji biex jikkwalifikaw bhal Segretarju Ezekuttiv. Bhala preferenza Karl Vella gie fl-ewwel post fil-waqt li Amanda Cauchi giet fit-tieni post. Joe Camilleri qal li hu jaqbel mar-riżultat tal-Board pero' ma jistax jaqbel ma min ġie l-ewwel peress li personalment hu ma jafx x'kapacitajiet jippossedi l-individwu. Is-Segretarju rrisponda li l-kapacitajiet rikjesti huma elenkati fl-Att tal-Kunsill Lokali u dawn kollha tippossedihom l-persuna magħżula kif ukoll dik li giet it-tieni fir-rizultat. It-tnejn intervistati ġew mistoqsija fuq il-kwalifiki, intelliġenza, personalita', interessi kulturali u dwar ir-rwol tax-xogħol ta' Segretarju Ezekuttiv kif ukoll fuq esperjenza tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Larry Buttigieg qal li l-Kunsill ghandu jaċċetta d-deċiżjoni tal-Board u din għandha titwassal għand id-Direttur u noqgħodu għad-deċiżjoni aħħarija tiegħu. Is-Sindku qal li jaqbel mas-sur Buttigieg u l-Kunsill ghandu joghqod ghar-rizultat tal-board. Hu kompla jghid li jekk kemm il-darba Carl Vella ma jaccettax il-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsill ghandu jikteb lill-Amanda Cauchi jekk taccettax din il-kariga peress hi kienet ikkwalifikat ukoll mil-board maghzul. Il-preżenti qablu unanimament ma dan. Gie deciz li l-Kunsill ghandu jinforma lid-Direttur b'dan u jkompli bil-process skond id-decizjoni tad-Dipartiment.

j. Il-preżenti ġew mgħarrfa mis-Sindku li l-kuntrattur għal bini taċ-Centru Ċiviku, s-Sur Mario Gatt kien accetta l-ffirmar tal-Letter of Acceptance biex jibni c-Centru Civiku.

k. Il-preżenti iddiskutew l-applikazzjonijiet godda ghal permess ta' żvilupp sottomessi mill-MEPA.

4. Ġieħ Għajnsielem.

a. Il-preżenti qablu unanimament li dan il-premju jingħata lis-Sur Loretu Xuereb. Din l-għażla saret wara laqgħa li nżammet esklussivament għal dan il-għan nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru. L-attivita' għall-għoti tal-premju ser tinżamm nhar il-Ġimgha, 11 ta' Diċembru fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7 ta' fil-ghaxija.

.

5. Ġbir ta' skart reċiklat.

i. Il-preżenti ġew infurmati li f'Malta jeżistu żewġ kumpaniji li jieħdu ħsieb il-ġbir ta' skart reċiklat. Waħda minnhom, il-GreePak, għamlet appuntament ma' dan il-Kunsill u spjegat fit-tul ix-xogħol tal-kumpanija mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Din ħalliet materjal biex jiġi diskuss f'din il-laqgħa. Ġimgħa qabel din il-laqgħa saret laqgħa għas-Sindki kollha fil-Kunsill tar-Rabat minn soċjeta' kummercjali oħra, Green Mr Limited li ukoll uriet ix-xewq li taħdem mal-Kunsilli. Il-preżenti qablu li dawn jiġu diskussi meta tkun ser tiġi ppublikata l-offerta għal ġbir ta' skart.

6. Materji oħra

1. Is-Sur Peter Caruana talab għal *parking disabled area* fi Triq il-Gnien quddiem Victoria Fenech. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjjoni sakem jimtela l-applikazzjoni rikjesta mit-tabib tal-familja. Is-sur Caruana fakkar biex jitwahhal il-bank l-iehor fi Triq iz-Zewwieqa. Il-Kunsill qabel ma dan.

2. Is-Sur Stephen talab lill-Kunsill biex dan jiġbed l-attenzjoni tad-Direttur dwar il-ħofor li jeżistu fi Triq Sant'Antnin. Ghalkemm din it-triq taqa taht il-Gvern Centrali, il-Kunsill kien ser jikteb lid-Direttur fil-Ministeru ghal-Ghawdex dwar dan l-ilment.

3. Is-Sur Larry Buttigieg talab biex quddiem il-każin tal-banda isir fishbone parking. Il-preżenti qablu li jissottomettu din it-talba lill-A.D.T.

4. Dwar il-mobile camera għal din il-lokalita', is-Sindku wieġeb li din it-talba qed tiġi diskussa fil-Kumitat Kongunt. Hawn is-Sindku reghha qal li fl-ahhar laghqa tal-Kumitat Kongunt hu ghal darba ohra qajjem il-punt fuq il-fixed camera fi-Triq l-Mgarr. Hu qal li kien ser jibqa jqajjem dan il-punt fil-Kumitat Kongunt sakemm titwahhal din il-camera.

5. Is-Sur Joseph Camilleri ressaq dawn it-talbiet.

a. talab biex titbaxxa l-bankina fi Triq Gużeppi Cauchi quddiem ir- residenza "Ave Maria" proprjeta' ta' Miriam Xuereb. Il-Contract Manager għandu jissupplixxi ritratti tal-post u l-Kunsill ser jiccekkja jekk ikunx jista jirranga l-bankina skond il-ligi.

b. Talab ukoll biex ic-cerimonja li ssir mill-Kunsill ta' kull sena, lill vittmi tal-gwerra tiġi olternata kull sena bejn il-Parroċċa u l-knisja tal-Kunvent ta' Sant'Antnin. Dan peress ukoll li ħafna mill-qraba tal-vittmi jgħixu f'dik l-area. Talab li fis-sena 2010 din issir fil-Knisja tal-Kunvent Sant'Antnin. Il-preżenti ma sabux oġġezzjoni u qablu ukoll li l-Arċipriet jiġi nfurmat.

c. Is-Sur Camilleri fuq il-mejda kopja ta' artiklu dwar "tissebbaħ Pjazza Sant'Ubaldeska f'Rahal Gdid". Saqsa għaliex m'għandhiex tiġi nkluża ukoll f'din l-iskema il-Pjazza tal-Parroċċa Madonna ta' Loretu ta' din il-lokalita'. Il-preżenti qablu li jiġbdu l-attenzjoni ta' l-Onor George Pullicino, il-Ministru ghar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, u Jason Azzopardi, is-Segretarju Parlamentari għall-Erarji Pubblici u l-Artijiet. Is-Sindku wieġeb li fit-tibdil li sar dan l-aħħar fl-emendi ta' l'Att tal-Kunsill, ser jkun jista' jsir xoghol mal-privat jekk ikun hemm qbil billi l-Kunsill jidħol bi-sħab ghal-progett ma għaqdiet privati (private partnership).

d. Il-Kunsillier Camilleri ippreżenta fuq il-mejda kopja ta' ittra li hu kiteb f' ġurnal lokali miktuba fejn hemm indikat ċertu xogħlijiet rikjesti fi Triq Imġarr. Dan issuġġerixxa li ssir pressjoni mal-Ministeru għal Għawdex biex tieħu n-kunsiderazzjoni l-ilmenti elenkati f'din l-ittra fejn qal biex il-Pelican lights jinzlu iżjed l-isfel minn fejn huma fil-prezent peress li fejn huma m'għadx hemm il-ħtieġa tagħhom, u li Triq Cordina, mic-

cimiterju l-fuq tinghata kisja tarmac biex din tkun ta' alternattiva ghal-Triq l-Mgarr meta din tkun maghluqa.. Is-Sindku wieġbu li l-Kunsill kiteb izjed minn darba biex it-triq mic-cimiterju l-fuq tinghata t-tarmac u hu ssuggerixxa bhas-sur Camilleri li tintbaghat reminder ohra lill-Ministeru. Rigward il-pelian lights is-Sindku qal li barra li tintbaghat ittra lill-Ministeru ghanda tinkiteb ittra wkoll lill-A.D.T. ghal kummenti taghhom. Dwar il-periklu fis-sewqan fi Triq Mgarr is-Sindku qal li hu kemm il-darba ressaq b'urġenza l-problema ta' speed camera fi Triq Imġarr quddiem il-Kumitat Kongunt. Anke kien ġibed l-attenzjoni tal-Wardens biex dawn ikunu aktar frekwenti fi-Triq l-Mgarr, hdejn l-ispizerija u jibbukjaw lill-dawk kollha li jkunu qed isuqu bi speed eccessiv u jaqbzu l-lines.

e. J. Camilleri qajjem ukoll il-problema jekk sewwieq jistax jaqsam linja dritta tat-traffiku fi triq arterjali. Is-Sindku wieġbu li kien iccekkja dan mal-wardens fil-Kumitat Kongunt u gie infurmat li dan jista jsir basta jikser eżatt quddiem it-triq li jrid jgħaddi minnha u jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa qabel jaqsam b'mod specjali li joghqod attent li min ikun gej fid-direzzjoni tieghu irid ikun ferm il-boghod.

f. Dan talab ukoll jekk it-turġien u l-ħitan tal-knisja ta' Lourdes f'din il-lokalita' jaqghux taħt ir-responsabbilita tad-Dipartiment ta' l-Artijiet jew tal-privat. Preżentament dawn huma ta' perikolu gravi għall kull min iżur din ill-Knisja.

g. Ikun xieraq jekk niġbdu l-attenzjoni tal-Ministeru ghal Ghawdex jew id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura biex jinbidlu s-siġar mejta li l-Kunsilli Lokali Għawdxin kienu hawlu fi Triq Imgarr f'Dicembru tas-sena 2008.

Issuġġerixxa ukoll li fl-ewwel magazine li dan il-Kunsill fi ħsiebu jippubblika, għandu jinkiteb artikolu minn kull Kunsillier.

Saqsa ukoll min kienu l-isponsors ta' Bethlehem f'Għajnsielem. It-twegiba minngħand is-Sindku kienet, is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, l-Ministru għal Għawdex, L-Arkadia u l-Gozo Channel u M.T.A.

h. Is-sur Camilleri ssuggexxa li ghanda ssir tabella fejn il-presepju li din tindika li dan il-progett kien sponsorjat mill-Kunsill Lokali t'Ghajnsielem.

Il-laqgħa ġiet aġġornata ghal nhar il-Erbgħa, 13 ta' Jannar 2010.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Anton Zammit |
| Sindku | a/Segretarju Eżekuttiv |